



Brussell, 16 ta' Ġunju 2016  
(OR. en)

---

Fajl Interistituzzjonal:  
2016/0185 (COD)

---

10329/16  
ADD 1

TELECOM 121  
COMPET 381  
MI 458  
CONSOM 154  
CODEC 898

#### NOTA TA' TRASMISSJONI

---

minn: Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea,  
iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur

data meta waslet: 15 ta' Ġunju 2016

lil: Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

---

Nru dok. Cion: SWD(2016) 201 final

Suġġett: DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT Sommarju  
Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt Li jakkumpanja d-dokument Proposta  
għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli għas-  
swieq tar-roaming bl-ingrossa u li jemenda r-Regolament (UE) Nru  
531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi  
ħdan I-Unjoni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument SWD(2016) 201 final.

---

Mehmuż: SWD(2016) 201 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 15.6.2016  
SWD(2016) 201 final

**DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI  
SOMMARJU EŻEKUTTIV TAL-VALUTAZZJONI TAL-IMPATT**

**Sommarju Eżekuttiv tal-Valutazzjoni tal-Impatt**

*Li jakkumpanja d-dokument*

**Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**

**dwar regoli għas-swieq tar-roaming bl-ingrossa u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 531/2012 dwar roaming fuq netwerks pubbliċi ta' komunikazzjoni mobbli fi ħdan I-Unjoni**

{COM(2016) 399 final}  
{SWD(2016) 202 final}

<b>Sommarju Eżekuttiv</b>
Valutazzjoni tal-impatt fuq il-proposta leġiżlattiva tar-roaming bl-ingrossa
<b>A. Ħtieġa għal azzjoni</b>
<b>Għaliex? X'inhi l-problema li qiegħda tiġi indirizzata?</b>
<p>Il-koleġiżlaturi qablu li jtemmu l-ħlasijiet addizzjonali tar-roaming bl-imnut għall-ivjaġġar perjodiku fl-UE mill-15 ta' Ġunju 2017 (sistema tar-RLAH<sup>1</sup> imposta permezz tar-Regolament Nru 531/2012 kif emendat mir-Regolament Nru 2015/2120 tal-25 ta' Novembru 2015, ir-'Regolament dwar ir-Roaming), bil-kundizzjoni li, wara rieżami mill-Kummissjoni tas-suq tar-roaming bl-ingrossa fl-UE, l-UE tieħu miżuri leġiżlattivi xierqa f'dan is-suq sabiex tippermetti r-RLAH minn dik id-data. Ir-rieżami tar-roaming bl-ingrossa mwettaq mill-Kummissjoni juri li s-swieq nazzjonali tar-roaming bl-ingrossa mhumiex qed jiffunzjonaw sewwa u li mistennija jibqgħu hekk skont l-obbligu bl-imnut tar-RLAH futur. Għalhekk, din il-Valutazzjoni tal-impatt tfitteż li tiddetermina l-aħjar għażla għar-regolazzjoni tas-suq tar-roaming bl-ingrossa fl-UE sabiex tippermetti r-RLAH fl-2017, filwaqt li żżomm is-sostenibbiltà tal-mudelli domestiċi tat-tariffi.</p> <p>Il-partijiet affettwati primarjament ikunu operaturi tan-netwerk mobbli tal-UE. Il-benefiċjarji ewlenin ser ikunu l-klienti kollha tal-operaturi mobbli tal-UE li jużaw servizzi ta' komunikazzjoni mobbli waqt li jkunu qiegħdin jivvjaġġaw fl-UE.</p>
<b>X'mistennija tikseb din l-inizjattiva?</b>
<p>L-inizjattiva għandha l-għan li tipproponi miżuri xierqa fis-suq tar-roaming bl-ingrossa sabiex tagħmlu kompatibbli mal-obbligu fuq l-operaturi mobbli tal-UE sabiex jibdew jipprovdu servizzi ta' roaming bl-imnut bi prezziżiġet domestiċi mill-15 ta' Ġunju 2017. Fil-valutazzjoni ta' dawn il-miżuri, il-Kummissjoni trid tikkunsidra l-ħtieġa li tiżgura li l-fornituri tar-roaming ikunu jistgħu jirkupraw l-ispejjeż kollha tal-provvista ta' servizzi tar-roaming bl-ingrossa rregolati, inklużi spejjeż konġunti u komuni.</p> <p>B'hekk, l-għażiex jiġi vvalutati abbażi tal-ghajnejiet ta' politika stipulati fir-Regolament dwar ir-Roaming: (i) li tkun permessa t-tneħħija sostenibbli tal-ħlasijiet addizzjonali tar-roaming bl-imnut għall-operaturi kollha, jew prattikament kollha, fl-UE, sabiex jiġi evitati d-distorsjonijiet fis-swieq domestiċi, (ii) li jkun żgurat l-irkupru tal-ispejjeż fil-livell bl-ingrossa, filwaqt li jiġi ppreservati l-inċentivi sabiex isir investimenti fin-netwerks miżjura u tiġi evitata distorsjoni tal-kompetizzjoni domestika fis-swieq miżjura.</p>
<b>X'inhu l-valur miżjud ta' azzjoni fil-livell tal-UE?</b>
<p>Ir-Regolament dwar ir-Roaming ta' r-responsabbiltà lill-Kummissjoni sabiex tirrevedi s-suq tar-roaming bl-ingrossa u tagħmel proposti xierqa bil-għan li tippermetti t-tneħħija ta' ħlasijiet addizzjonali tar-roaming bl-imnut fl-UE mill-15 ta' Ġunju 2017. It-tneħħi ja' ħlasijiet addizzjonali tar-roaming bl-imnut mogħiġi b'mandat fir-Regolament dwar ir-Roaming hija kkundizzjonata għall-adozzjoni u l-applikabbiltà f'dik id-data tal-miżuri fil-livell bl-ingrossa meħtieġa sabiex tkun tista' ssir din it-tneħħi. Għalhekk, jekk ma kienet proposta ebda miżjura u minħabba l-evidenza preċedenti li s-sistema leġiżlattiva attwali tas-suq bl-ingrossa mhijiex bażi suffiċjenti għall-introduzzjoni tar-RLAH, l-obbligu stipulat fir-Regolament dwar ir-Roaming sabiex jitneħħew il-ħlasijiet addizzjonali tar-roaming bl-imnut mill-15 ta' Ġunju 2017 ma jkunx applikabbli f'dik id-data.</p>
<b>B. Soluzzjonijiet</b>
<b>X'għażiex ta' politika leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi ġew ikkunsidrati? Hemm għażla ppreferuta jew le? Għaliex?</b>
<p>Minbarra l-implikazzjoni tal-implementazzjoni, l-għażiex jiġi vvalutati abbażi ta': l-istima fil-livell tal-pajjiżi tal-ispiża medja tar-RLAH għall-fornituri tar-roaming bl-imnut imqabbla mad-dħul domestiku medju tagħhom; it-test tas-sostenibbiltà fil-livell tal-operaturi; l-ispejjeż rilevanti kollha fil-livell tal-ingrossa għan-netwerks miżjura b'referenza għall-istimi tal-ispejjeż, il-livell tar-rati tat-terminazzjoni mobbli attwali u l-prezzijiet domestiċi bl-imnut u bl-ingrossa.</p> <p>Huma kkunsidrati erba' għażiex:</p> <p><b>Għażla 1-ebda azzjoni fil-livell tal-Unjoni</b> (xenarju bażi): RLAH mhux ser ikun applikabbli mill-15 ta' Ġunju 2017 u l-konsumaturi ser ikomplu jħallsu ħlasijiet addizzjonali għar-roaming bl-imnut wara dik id-data.</p> <p><b>Għażla 2-l-iffissar ta' limiti massimi għar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha fil-livell attwali:</b> RLAH mhux ser ikun sostenibbli għal mill-inqas 20% tal-operaturi fil-kampjun tagħna u/jew f'mill-inqas sitt Stati Membri.</p> <p><b>Għażla 3-l-iffissar ta' limiti massimu għar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha f'livell aktar baxx mil-lum:</b> L-analiżi turi li din l-għażla tissodisfa bl-aħjar mod l-ghajnejiet tal-politika.</p> <p><b>Għażla 4-l-iffissar ta' limiti massimi għar-roaming bl-ingrossa spċċifici skont il-pajjiż:</b> Din l-għażla ma ttejjibx b'mod sinifikanti s-sostenibbiltà tar-RLAH fil-livell tal-operaturi mqabbla mal-Għażla 3, filwaqt li tinvolvi riskji akbar fir-rigward tal-irkupru tal-ispejjeż fil-livell tal-ingrossa, kif ukoll diffikultajiet konsiderevoli fl-implimentazzjoni.</p>

<sup>1</sup> Roam Like at Home

## **Liema għażla u min jappoġġaha?**

Il-konsultazzjoni pubblika turi li l-operaturi huma maqsuma dwar x'inhi l-aktar miżura xierqa fil-livell regolatorju tal-ingrossa sabiex ikun permess RLAH sostenibbli: ċerti operaturi preeżistenti storiċi u operaturi b'impronta kbira u, ġeneralment, operaturi bi traffiku kbir ta' roaming 'il-ġewwa, jiddefendu l-fehma li RLAH huwa sostenibbli taħt il-limiti massimi attwali tal-prezz tar-roaming bl-ingrossa (Għażla 2), filwaqt li operaturi oħra, b'mod partikolari dawk iżgħar, operaturi tan-netwerk virtwali mobbli u operaturi bi traffiku kbir ta' roaming 'il-barra jsostnu li l-limiti massimi tal-prezz tar-roaming bl-ingrossa għandhom jitbaxxew b'mod sinifikanti sabiex ikun possibbi RLAH sostenibbli (Għażla 3). Pratikament ma rriżulta ebda appoġġ għall-Għażla 4 mill-konsultazzjoni pubblika.

## **C. Impatti tal-għażla ppreferuta**

### **X'inhuma l-benefiċċji tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?**

Skont l-Għażla 3 (il-limiti massimi mnaqqsa tar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha), *l-iffissar tal-limiti massimi tar-roaming bl-ingrossa madwar l-UE kollha b'rati ta' EUR 4 c/min, EUR 1 c/SMS u EUR 0.85 c/MB* jippermetti RLAH sostenibbli fl-UE, inkluż għall-operaturi b'inqas setgħa ta' negozjar, filwaqt li jiġura l-irkupru tal-ispejjeż prevedibbli tal-operaturi miżjura sabiex jipprovd servizzi ta' roaming bl-ingrossa u jżommu l-inċentivi ta' investiment fis-swieq miżjura. Il-livell tal-limitu massimu skont l-Għażla 3 iħalli wkoll lok ġħal kompetizzjoni taħt il-limitu massimu, li jippermetti b'mod partikolari li jitnissu vantaġġi ekonomiċi mill-iskala u l-abbiltà assoċjata sabiex jiġu nnegozjati tariffi aktar baxxi.

L-analiżi turi wkoll li l-permess lill-operaturi miżjura u l-viżitaturi sabiex jaqblu flimkien li jirtiraw mir-regolament tal-prezz massimu favur kuntratt mhux irregolat, pereżempju, ipprezzar abbażi tal-kapaċità jew kwalunkwe forma kuntrattwali oħra, ser iġib miegħu impatt pożittiv għas-suq tar-roaming bl-ingrossa u, b'hekk, huwa propost bħala miżjura kumplimentari.

Billi tippermetti r-RLAH minn Ġunju 2017, l-Għażla 3 tikseb l-impatt pożittiv sinifikanti tal-allinjament tal-prezzijiet tar-roaming mal-prezzijiet għall-konsumaturi li jivvjaġġaw fl-UE, kif deċiż mill-koleġiżlatur fl-2015.

### **X'inhuma l-ispejjeż tal-għażla ppreferuta (jekk hemm, jew inkella dawk ewlenin)?**

L-ġħażla ppreferuta ma toħloqx spejjeż tekniċi jew amministrattivi addizzjonali mqabbla mar-regolament attwali applikabbli għas-suq tar-roaming bl-ingrossa fl-UE. Billi timponi prezziżi aktar baxxi ta' roaming bl-ingrossa għall-operaturi mobbli, tista' tnaqqas id-dħul tal-operaturi mir-roaming bl-ingrossa fuq perjodu ta' żmien qasir meta huma jospitaw il-klijenti tar-roaming ta' operaturi barranin, filwaqt li fl-istess ħin tnaqqas l-ispejjeż bl-ingrossa li huma jgħarrbu meta jipprovd servizzi ta' roaming bl-imnut lill-klijenti tagħhom stess. Madankollu, id-domanda oħla li tirriżulta għas-servizzi mobbli fuq il-vjaġġi fl-UE, b'mod partikolari għad-dejta, għandha ttaffi u tikkontrobilanċja ħafna ż-żewġ effetti. Min-naħħa tagħha, il-liberalizzazzjoni tal-iż-żvilupp ta' użi ġodda tal-mezzi u l-applikazzjonijiet konnessi fuq vjaġġi fl-UE għandha toħloq dħul konsiderevoli ġdid għall-operaturi mobbli tal-UE, li fuq perjodu medju jaqbeż bil-kbir dak tal-użu mobbli limitat tar-roaming fl-UE tal-lum, konformi għal kollox ma' inizjattivi oħra skont l-Isratnejja DSM tal-Kummissjoni.

### **Kif ser jiġu affettwati n-negozji, l-SMEs u l-mikrointrapriżi?**

Operaturi tan-netwerk mobbli u operaturi tan-netwerk virtwali mobbli iż-ġgħar: huwa mistenni impatt pożittiv sinifikanti billi dawn l-operaturi għandhom aktar diffikktà sabiex jiksbu aċċess għal ftehimiet favorevoli ta' roaming bl-ingrossa. L-inizjattiva ser tagħtihom iċ-ċans li jibbenifikaw minn prezziżi ta' roaming bl-ingrossa li jiffaċilitaw il-provvista minnhom ta' servizzi ta' roaming bl-imnut bi prezziżi domestiċi.

Negozji online u negozji ġodda: impatt pożittiv sinifikanti; l-użu tas-servizzi tagħhom waqt li jużaw ir-roaming fl-UE ser jikber, li jfisser aktar opportunitajiet għalihom sabiex jipprovd servizzi lill-konsumaturi meta jivvjaġġaw fl-UE. L-inizjattiva ser tippromwovi l-użu transkonfinali tal-mezzi/tas-servizzi/tal-applikazzjonijiet mobbli konnessi li jiffavorixxu l-innovazzjoni.

SMEs: impatt pożittiv sinifikanti għal dawk li għandhom impiegati li jivvjaġġaw fl-UE għan-negozju (kontijiet imnaqqsa).

### **Ser ikun hemm impatti sinifikanti fuq l-amministrazzjonijiet u l-baġits nazzjonali?**

Bħala tali, din l-inizjattiva mhux ser tħalli impatt fuq l-amministrazzjonijiet pubbliċi nazzjonali. L-awtoritajiet regolatorji nazzjonali (ARN) jidmonitorjaw u jissorveljaw il-konformità mar-Regolament dwar ir-Roaming kif emendat permezz tar-Regolament Nru 2015/2120.

### **Ser ikun hemm impatti sinifikanti oħra?**

Mhuwiex mistenni impatt sinifikanti fuq il-pajjiżi terzi, il-kummerċ internazzjonali jew l-investiment. Ir-Regolament dwar ir-Roaming tal-UE huwa strument leġiżlattiv li jiffoka fuq il-ħolqien tas-suq intern tal-UE. Il-kamp ta' applikazzjoni tiegħi jkopri t-tar-trafficu ġewwa l-UE, meta klijent ta' operatur ta' netwerk wieħed tal-UE juża r-roaming fuq netwerk ta' operatur ta' netwerk ieħor tal-UE. L-UE, li minnha nfiska hija Membru tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ, hija

integrazzjoni ekonomika skont it-tifsira tal-Artikolu V tal-GATS u, b'hekk, I-UE u I-Istati Membri tagħha jibbenifikaw minn rinunzja skont dak I-Artikolu. Billi r-Regolament dwar ir-Roaming tal-UE japplika biss għas-suq intern tal-UE, ma hemm ebda diskriminazzjoni jew kwistjoni ta' Nazzjon I-Aktar Iffavorit jekk ir-rati tar-roaming (bl-ingrossa u bl-imnut) għall-operaturi fl-UE jkunu differenti minn dawk ta' barra I-UE.

#### **D. Segwitu**

##### **Meta ser tiġi riveduta I-politika?**

I-KE hija meħtieġa tirrapporta kull sentejn (2) minn Ġunju 2018. Ir-Regolament dwar ir-Roaming jagħti mandat lill-ARN sabiex jimmonitorjaw u jissorveljaw il-konformità ma' dan ir-Regolament u lil BEREC sabiex jiġbor dejta mill-ARN dwar I-iżvilupp tat-tariffi bl-imnut u bl-ingrossa (innotifikata lill-KE darbtejn fis-sena) u jirrapporta dwar I-evoluzzjoni tal-prezzijiet bl-ingrossa.